IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2016
COM(2016) 141 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport tal-Progress dwar l-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot fil-Greċja

Bħala parti mill-azzjoni immedjata sabiex ikunu megħjuna l-Istati Membri li jkunu qegħdin jiffaċċjaw pressjonijiet migratorji qawwija fil-fruntieri esterni tal-UE, f'Mejju 2015, l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni adottat approċċ hotspot ġdid[1]. Il-Greċja u l-Italja huma ż-żewġ Stati Membri fejn dan l-approċċ hotspot bħalissa qiegħed jiġi implimentat.

Skont dan l-approċċ, l-esperti u l-Aġenziji rilevanti kollha mill-Istati Membri jaħdmu fil-post mal-awtoritajiet nazzjonali u lokali biex jgħinu lill-Istati Membri kkonċernati jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-UE. Ġew identifikati ħames oqsma ewlenin: it-twaqqif ta' hotspots funzjonali, l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni, l-iżgurar tar-ritorn effettiv tal-migranti li mhumiex intitolati għall-protezzjoni internazzjonali, it-tisħiħ tal-ġestjoni tal-fruntieri, u l-ħolqien ta' kapaċità ta' akkoljenza suffiċjenti u adegwata.

F'Settembru 2015, il-Kummissjoni ħadet dan il-pass ulterjuri billi ddeskriviet l-azzjonijiet ta' prijorità biex l-UE tindirizza l-kriżi tar-refuġjati[2]. Dawn inkludew it-tnedija kompluta tal-iskema ta' rilokazzjoni u tat-timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni li qegħdin jaħdmu fiż-żoni "hotspot". Il-Kummissjoni għamlet segwitu ta' dan permezz ta' rapport dwar is-sitwazzjoni attwali f'Ottubru[3]. Dan kien jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-passi li jmiss fl-oqsma ewlenin, inklużi azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-Greċja.

F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni ħarġet rapport dettaljat dwar l-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot fil-Greċja fil-ħames oqsma li jissemmew aktar 'il fuq[4]. Fl-10 ta' Frar, il-Kummissjoni rrappurtat dwar l-implimentazzjoni kumplessiva tal-azzjonijiet ta' prijorità[5], u bħala anness, inkludiet rapport tas-sitwazzjoni attwali li jirrigwarda lill-Greċja.

Sabiex tappoġġja lill-Greċja fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet prijoritarji, l-UE wriet solidarjetà soda mal-Greċja permezz tal-appoġġ finanzjarju sostanzjali li tat lill-pajjiż, b'mod partikolari matul l-aħħar xhur. Minbarra l-allokazzjoni kumplessiva tal-Greċja fl-ambitu tal-programmi nazzjonali tagħha għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (l-AMIF) u l-Fond għas-Sigurtà Interna (l-ISF), li tammonta għal EUR 509 miljun għall-perjodu 2014-2020, assistenza ta' emerġenza sostanzjali ta' madwar EUR 150 miljun fl-ambitu kemm tal-AMIF kif ukoll tal-ISF ingħatat ukoll fl-aħħar sena. Fl-ambitu tal-programmi nazzjonali, saru pagamenti ta' prefinanzjament li jammontaw għal madwar EUR 70 miljun (EUR 33 miljun għall-2014/15 u EUR 37 miljun għall-2016), u għall-assistenza ta' emerġenza tpoġġew għad-disponibbiltà pagamenti ta' prefinanzjament ta' madwar EUR 70,3 miljun.

Meta jingħaddu flimkien l-allokazzjoni fl-ambitu tal-programmi nazzjonali tagħha u l-assistenza ta' emerġenza pprovduta għall-benefiċċju tal-pajjiż sa issa, il-Greċja hija l-ewwel benefiċjarju tal-fondi tal-UE fil-qasam tal-Affarijiet Interni, b'ammont kumplessiv ta' madwar EUR 660 miljun. Il-Greċja għandha tuża bl-aqwa mod ir-riżorsi kollha disponibbli fl-

[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015) 240, it-13 ta' Mejju 2015).

[2] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ġestjoni tal-kriżi tar-rifuġjati: miżuri operazzjonali, baġitarji u legali skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015) 490, it-23 ta' Settembru 2015).

[3] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Ġestjoni tal-kriżi tar-refuġjati: Sitwazzjoni Attwali tal-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet ta' Prijorità taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, (COM(2015) 510, tal-14 ta' Ottubru 2015).

[4] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Rapport tal-Progress dwar l-Implimentazzjoni tal-hotspots fil-Greċja" (COM(2015) 678, il-15 ta' Diċembru 2015).

[5] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Is-Sitwazzjoni Attwali rigward l-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Prijoritarji fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2016) 85, l-10 ta' Frar 2016).

ambitu tal-programmi nazzjonali u għandha wkoll tisfrutta kompletament il-possibbiltajiet offruti minn mekkaniżmi oħra ta' finanzjament tal-UE bħall-FSIE (Fondi Strutturali u ta' Investiment).

L-Anness ta' dan ir-Rapport jaġġorna l-analiżi tal-10 ta' Frar, filwaqt li jikkunsidra l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' prioritá fil-ħames oqsma stabbiliti aktar 'il fuq u l-passi li għad fadal jittieħdu.

Anness:

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		**Stat ta' progress**
Żoni Hotspot	Il-Greċja għandha bżonn tlesti l-kostruzzjoni tal-hotspots f'Lesvos, Leros u Chios, f'konformità mal-iskeda ppjanata. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'Kos għandhom jibdew immedjatament u għandu jiġi identifikat lok f'Samos sabiex titneda l-hotspot sal-aħħar ta' Jannar.	✓ Erba' hotspots (Lesvos, Chios, Samos u Leros) huma operattivi bl-assistenza u bil-koordinazzjoni temporanja tal-Armata, minkejja li kien għad fadal jitlestew bosta azzjonijiet sabiex jitħaddmu bil-ħeffa kollha potenzjali (pereż. it-tielet linja ta' reġistrazzjoni f'Lesvos, it-tlestija tal-akkomodazzjoni f'Samos, ċerti servizzi f'Leros u f'Samos, eċċ.). X Ix-xogħlijiet f'Kos inbdew (eks kamp ta' Pyli) u l-hotspot tista' tkun parzjalment operattiva sal-4 ta' Marzu. X Il-proċedura nazzjonali ta' akkwist għas-servizzi meħtieġa sabiex joperaw il-hotspots (jiġifieri s-servizzi ta'forniment tal-ikel u ta' tindif) għadha ma ġietx iffinalizzata. L-Armata Griega tinsab fil-proċess li din il-ġimgħa tniedi akkwist b'ħeffa għas-servizzi li ġejjin: it-trasport, il-forniment tal-ikel, is-servizzi medikali, it-tindif għall-hotspots kollha u l-akkoljenza u ċ-ċentri ta' akkoljenza.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	Il-Greċja, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, mal-aġenziji tal-UE, u mal-UNHCR, għandha tottimizza l-organizzazzjoni tal-hotspots abbażi ta' evalwazzjoni tal-bżonnijiet ta' kull gżira u abbażi tas-sejbiet tal-proġett pilota bejn l-aġenziji. F'dan il-kuntest għandha titwaqqaf sistema strutturata għall-iżbark minn punti uffiċjali ta' żbark kif ukoll għat-trasport lejn iż-żoni hotspot.	✓ Intbagħtu Timijiet ta' Pattulja tal-Kosta mill-Frontex f'Lesvos, f'Chios u f'Samos. Il-proċeduri ta' żbark f'Leros qegħdin jitwettqu b'mod kontrollat: kważi 100 % tal-wasliet qegħdin iseħħu fil-gżira ta' Farmakonisi u sussegwentement il-migranti jiġu trasferiti lejn Leros mill-Gwardja tal-Kosta u mill-uffiċjali tal-FRONTEX. ✓ Għal żmien qasir l-awtoritajiet lokali ħadu r-responsabbiltà li jikkoordinaw it-trasport tal-migranti mill-punti ta' żbark għaċ-ċentri ta' reġistrazzjoni u miċ-ċentri ta' reġistrazzjoni għall-portijiet. X Il-gvern ħa impenn li jfassal l-att legali qafas (fl-għamla ta' emenda tal-Liġi 3907/2011) dwar it-twaqqif u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-hotspots fil-Parlament fil-ġimgħa tas-7 ta' Marzu. Ladarba l-att qafas legali jkun fis-seħħ, il-Proċeduri Operattivi Standard se jiġu adottati permezz ta' deċiżjoni ministerjali komuni li se tiddefinixxi r-rwoli u l-proċeduri fil-ġestjoni tal-hotspots. X Għadd suffiċjenti ta' karozzi tal-linja għandu jkun disponibbli rapidament biex tkompli tiġi aġġornata s-sistema ta' żbark fil-gżejjer. L-Istati Membri għandhom jirreaġixxu b'mod urġenti għat-talba għal karozzi tal-linja skont il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, UCPM). X Hemm bżonn li jiġi stabbilit it-trasport ta' dawk li mhumiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali miż-żoni hotspot direttament lejn faċilitajiet ta' detenzjoni disponibbli.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	Fuq il-bażi ta' valutazzjoni mirquma tal-bżonnijiet, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni l-esperti neċessarji sabiex jiżguraw it-tnedija kompluta tal-hotspots hekk kif jiġu konklużi x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Il-Greċja min-naħa tagħha għandha tassigura li jintbagħtu għadd suffiċjenti ta' kapijiet ta' timijiet u għandha tassigura li fiż-żona hotspot ikun hemm persunal suffiċjenti tas-sigurtà.	X Il-Pulizija Ellenika għandha żżid aktar il-preżenza tagħha fil-faċilitajiet tal-hotspots sabiex tiżgura s-sigurtà tal-faċilitajiet u tal-persunal tal-aġenziji mibgħuta. X Il-Frontex u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (European Asylum Support Office, EASO) żiedu l-preżenza tagħhom (attwalment 516 u 14-il uffiċjal rispettivament), iżda għad hemm bżonn ta' aktar esperti l-aktar minħabba li qegħdin joperaw hotspots addizzjonali. L-Istati Membri ma pprovdewx biżżejjed esperti. X Il-Greċja għandha tlesti l-proċess li tipprovdi kapijiet ta' timijiet.
	Il-Greċja għandha takkwista – mingħajr iktar dewmien u billi tagħmel użu mill-proċeduri aċċellerati/simplifikati previsti fid-Direttivi 2004/18/KE u 2014/24/UE f'każijiet ta' "urġenza" jew "urġenza estrema" – il-magni addizzjonali neċessarji tat-teħid tal-marki tas-swaba'.	F'termini ta' reġistrazzjoni (Eurodac): ✓ L-EASO ordnat l-ewwel lott ta' 25 terminal għat-teħid tal-marki tas-swaba'. Dan il-lott diġà ġie kkonsenjat. L-EASO ordnat it-tieni lott ta' 65 terminal għat-teħid tal-marki tas-swaba' u dawn it-terminals qegħdin jiġu kkonsenjati. ✓ Il-Pulizija Ellenika akkwistat sitt terminals għat-teħid tal-marki tas-swaba' u dawn intbagħtu f'Lesvos. ✓ Kemm il-Kummissjoni kif ukoll Frontex osservaw li sar progress sinifikanti minn Settembru 2015 u li f'dan il-waqt il-migranti kollha li għandhom aktar minn 14-il sena li ntbagħtu fil-hotspots huma rreġistrati f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen X Ir-rabtiet tal-istazzjonijiet tal-Eurodac man-netwerk tal-IT, u l-kapaċità tas-server ċentrali, għadhom mhumiex siguri u affidabbli. Il-Kummissjoni u L-EU-LISA qed jappoġġjaw lill-Pulizija Ellenika biex ittejjeb il-funzjonalità tas-sistemi tal-IT tagħha sabiex iżżid il-kapaċità tagħha biex tappoġġja s-sistema ta' reġistrazzjoni.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	Is-sistemi tal-IT għandhom jiġu aġġornati biex l-ewwel iniedu Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (Automated Fingerprinting Identification System, ASIF) vera u proprja u mbagħad biex jiżguraw li l-interkonnessjonijiet bejn il-bażijiet tad-dejta nazzjonali u tal-UE/internazzjonali jkunu stabbiliti, biex b'hekk ikun jista' jsir kontroll sħiħ tal-migranti li jidħlu mal-bażijiet tad-dejta tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) II/tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa u Mitlufa (Stolen and Lost Travel Documents, STLD) tal-Interpol.	F'termini ta' kontrolli ta' sigurtà: ✓ Fil-hotspots, teknikament issa hemm terminals disponibbli li jippermettu kontrolli mal-bażijiet tad-dejta tas-SIS, tal-Interpol u tal-Europol apparti l-bażi tad-dejta tal-pulizija nazzjonali taċ-ċittadini ta' pajjiż terz. ✓ Intbagħtet talba lill-Europol sabiex tiżgura l-aċċess għall-bażi tad-dejta tagħha għall-finijiet ta' kontrolli ta' sigurtà. ✓ Bdiet topera sistema ta' aċċess awtomatizzata unika għall-bazijiet ta' dejta rilevanti ta' sigurtà (nazzjonali, SIS u Interpol), fil-hotspots kollha. X Kontrolli sistematiċi kontra dawn il-bażijiet tad-dejta għandhom jiġu mwaqqfa bis-sħiħ b'segwitu rilevanti. Għandha tiġi żviluppata aktar Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' sħiħa.
	Il-Greċja, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenziji tal-UE, għandha tiddefinixxi l-ħtiġijiet f'termini tal-medjaturi kulturali/interpreti u ssaħħaħ il-preżenza tagħhom fiż-żoni hotspot.	X L-awtoritajiet Griegi għandhom jiddefinixxu l-ħtiġijiet tagħhom f'termini ta' medjaturi kulturali/interpreti. X L-awtoritajiet Griegi għandu jkollhom grupp ta' interpeti, possibilment permezz ta' kuntratt qafas sabiex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' interpretar fl-aħħar mument.
	Jeħtieġ li l-koordinazzjoni tittejjeb aktar billi jsir użu sistematiku u effettiv tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni li tpoġġew fis-seħħ. Il-koordinaturi maħtura għall-gżejjer għandhom jingħataw is-saħħa permezz ta' Termini ta' Referenza ddedikati biex jikkoordinaw l-atturi governattivi u mhux governattivi rilevanti kollha involuti fil-postijiet hotspot.	✓L-att qafas li jistabbilixxi l-hotspots (ara hawn fuq) se jinkludi dispożizzjonijiet iddedikati għall-ħatra ta' koordinaturi tal-hotspots, koordinaturi tal-pulizija u koordinaturi speċjali li jġestixxu r-relazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-proċedura tal-hotspot. X Ladarba l-leġiżlazzjoni l-ġdida tkun fis-seħħ, jeħtieġ li l-awtoritajiet Griegi jsegwu rapidament il-proċedura rilevanti sabiex jaħtru l-koordinaturi maħsuba taħt il-leġiżlazzjoni adottata reċentament.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	L-EUROPOL għandha ssaħħaħ il-preżenza tagħha fil-Greċja u għandha tikkonkludi ftehimiet operattivi mal-awtoritajiet Griegi sabiex tappoġġjahom fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni. L-appoġġ għandu jinkludi t-tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji, azzjonijiet kontra l-frodi ta' dokumenti, u użu aħjar tan-netwerks tal-Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni (Immigration Liaison Officers, ILO) f'pajjiżi terzi bħala sorsi ta' informazzjoni rilevanti.	✓Uffiċjal ta' kollegament tal-Europol huwa preżenti f'Lesvos kif ukoll fit-Task Force Reġjonali tal-UE f'Piraeus. ✓Il-Frontex bagħtet esperti ta' Livell Avvanzat dwar id-Dokumenti (Advanced Level Document Experts, ALDO) fiż-żoni hotspot kollha flimkien ma' tagħmir iddedikat għall-identifikazzjoni ta' dokumenti frodulenti. X Il-Pulizija Ellenika ddeċidiet li tuża dokument ta' reġistrazzjoni ġdid u aktar sofistikat, inklużi elementi ta' sigurtà, li għandu jintuża fil-hotspots kollha. Madankollu, minkejja li diġa' qed jintuża timbru ġdid, għad hemm nuqqas ta' karta ta' sigurtà. X Il-Greċja għandha takkwista aktar tagħmir għall-qbid ta' dokumenti frodulenti. Huwa mistenni li tiġi ppreżentata talba għal finanzjament f'dan ir-rigward. X Jeħtieġ li l-awtoritajiet Griegi jiżguraw segwitu xieraq dwar każijiet ta' dokumenti frodulenti misjuba u jsaħħu l-operazzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi fuq il-gżejjer sabiex jonqos in-negozju ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni.
	Il-Pulizija Ellenika għandha tipprovdi taħriġ lill-uffiċjali tal-pulizija li jitpoġġew fil-hotspots għall-identifikazzjoni tad-dokumenti falsifikati.	X Għadu qed jiġi kkunsidrat.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
Rilokazzjoni	Jeħtieġ li tiżdied l-informazzjoni mogħtija lir-refuġjati dwar il-programm ta' rilokazzjoni, fost l-oħrajn billi tiżdied il-preżenza tal-persunal tas-Servizz tal-Asil Grieg u tal-EASO fil-hotspots kif ukoll billi jingħata u jinxtered materjal ta' informazzjoni lil kandidati potenzjali ta' rilokazzjoni dwar il-proċes ta' rilokazzjoni u d-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom f'dak il-kuntest. L-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-kandidati ta' rilokazzjoni dwar il-pajjiżi ta' destinazzjoni assenjati inkluż dwar is-sistemi ta' asil u ta' akkoljenza tagħhom.	✓ Is-Serizz ta' Asil huwa attiv f'Lesvos u f'Samos. L-EASO bagħat esperti f'Samos għall-forniment ta' informazzjoni inklużi fuljetti ta' tagħrif. X Fil-hotspots kollha għandha tingħata informazzjoni lill-migranti b'mod sistematiku dwar id-drittijiet tagħhom bħala applikanti għall-asil u dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni. Is-Servizz ta' Asil u l-EASO għandhom jibagħtu esperti għal dan l-għan fil-postijiet tal-hotspot li fadal. X Aktar Stati Membri għandhom jipproduċu pakketti ta' informazzjoni għall-persuni li jiġu rilokati (huma biss ftit l-Istati Membri (il-Belġju, l-Irlanda, il-Polonja u l-Portugall) li s'issa pprovdew din l-informazzjoni). L-EASO qed imexxi proċess għall-koordinazzjoni ta' informazzjoni ta' qabel it-tluq minn Stati Membri ta' rilokazzjoni (il-gwida qed tiġi abbozzata).
	Jeħtieġ li tiżdied b'mod sostanzjali l-kapaċità li jiġu rreġistrati u pproċessati l-applikazzjonijiet għal asil. Għal dan il-għan, is-Servizz ta' Asil Grieg beħsiebu jirrekluta 40 membru addizzjonali fil-persunal sa nofs Frar, u dan għandu jżid il-kapaċità tiegħu biex ikun jista' jirreġistra 100-120 applikazzjoni kuljum. Jeħtieġ li jkun hemm żidiet addizzjonali fil-persunal biex jiżdied il-pass tar-reġistrazzjoni.	✓ L-EASO qed jappoġġja lill-awtoritajiet Griegi f'Lesvos u f'Samos biex janalizzaw in-nazzjonalitajiet tal-applikanti għar-rilokazzjoni. ✓ Sa April se jiġu reklutati 37 persuna u (massimu ta') 40 persuna oħra f'Ġunju 2016. Il-postijiet previsti li jifdal jimtlew f'Jannar 2017. Il-finanzjament meħtieġ huwa ggarantit permezz ta' finanzjament ta' emerġenza taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (Asylum, Migration and Integration Fund, AMIF). ✓ Fil-jiem li ġejjin ser jibda' wkoll proġett pilota, bl-appoġġ tal-EASO, biex iżid il-kapaċità ta' reġistrazzjoni.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	L-Istati Membri għandhom inaqqsu b'mod sostanzjali ż-żmien ta' reazzjoni għat-talbiet ta' rilokazzjoni ppreżentati mill-awtoritajiet Griegi (u jevitaw li jsiru kontrolli eċċessivi u *ad hoc* fil-Greċja).	X Ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri għat-talbiet ta' rilokazzjoni għadhom bil-mod ukoll u dan huwa parzjalment responsabbli għar-rata sinifikanti ta' rtirar mill-proċess ta' rilokazzjoni. X Stati Membri li ma jipprovdux informazzjoni xierqa minn qabel dwar l-ippjanar ta' rilokazzjoni tagħhom. Dan huwa assolutament neċessarju sabiex l-awtoritajiet Griegi jkunu jistgħu jżidu l-effiċjenza tal-proċess. X Diversi Stati Membri jitolbu li jsiru intervisti sistematiċi ta' sigurtà.
	L-Istati Membri għandhom iżidu b'mod sostanzjali l-garanziji tagħhom skont il-programm ta' rilokazzjoni.	X Garanziji insuffiċjenti u numri ta' persuni rilokati: Sat-2 ta' Marzu, kienu biss 16-il Stat Membru li għamlu garanziji għal rilokazzjoni lill-Greċja. Għandu jiġi nnutat ukoll li matul l-aħħar ftit ġimgħat, il-garanziji mill-Istati Membri żdiedu mhux ħażin, u bħalissa jaqbżu l-għadd ta' applikanti eliġibbli għar-rilokazzjoni rreġistrati mill-Greċja.
	Miżuri Addizzjonali identifikati wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni f'Diċembru	
	Total ta' 123 applikant għal rilokazzjoni ħarbu u 88 irtiraw l-applikazzjoni tagħhom mill-bidu tal-iskema	X Il-Greċja għandha tkun ċerta li l-applikanti għall-asil ikunu miġburin f'faċilitajiet apposta fejn il-każijiet tagħhom ikunu jistgħu jiġu segwiti mill-qrib. X L-Istati Membri għandhom jiffinalizzaw pakketti ta' informazzjoni mmirati b'kollaborazzjoni mal-EASO. Dawn għandhom jiġu pprovduti lill-applikanti għall-asil li jkunu se jiġu rilokati b'notifika mill-pajjiż ta' destinazzjoni tagħhom (ara hawn fuq).
	Minorenni mhux akkumpanjat ġie trasferit lejn il-Finlandja. 10 talbiet għadhom pendenti, u mill-bidu tal-proċess ta' rilokazzjoni 3 minnhom ġew aċċettati mill-Finlandja.	X Il-Greċja għandha tiffinalizza proċeduri ddedikati għat-trasferiment ta' Vjaġġaturi Minorenni mhux Akkumpanjati. X L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu postijiet iddedikati għal Vjaġġaturi Minorenni mhux Akkumpanjati.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	Xi Stati Membri invokaw kriterji oħrajn apparti dawk previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill biex jirrifjutaw il-fajls ta' rilokazzjoni.	X L-Istati Membri għandhom japplikaw b'mod strett il-kriterji previsti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill meta jirrifjutaw applikazzjonijiet għal rilokazzjoni. B'mod partikolari, applikazzjonijiet għal rilokazzjoni m'għandhomx jiġu miċħuda minħabba raġunijiet marbutin mal-preferenzi espressi mill-Istat Membru li jikkonċernaw il-profili tal-applikanti li jiġu rilokati.
Ritorn	Jeħtieġ li l-awtoritajiet Griegi jiżviluppaw strateġija ċara għal ritorni furzati u jidentifikaw il-pajjiżi terzi ta' prijorità għal impenn u jindirizzaw nuqqasijiet fis-sistema ta' detenzjoni tagħhom. Jeħtieġ li l-Greċja tissimplifika l-proċeduri amministrattivi tagħha sabiex tippermetti ritorn rapidu.	✓Il-Greċja qed tuża proċedura simplifikata għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux intitolati għal protezzjoni. ✓Il-Frontex fil-15 ta' Frar nediet pjan ta' appoġġ operattiv għall-Greċja, l-Italja u l-Bulgarija. X Il-Greċja, flimkien mal-Kummissjoni u mal-appoġġ tekniku tal-Frontex, għandha taqbel bħala kwistjoni prijoritarja, dwar pjan operazzjonali ċar għal attivitajiet ta' ritorn u ta' riammissjoni, abbażi ta' ppjanar u valutazzjoni tal-ħtiġijiet ċari mill-Greċja, li jipprovdi appoġġ għall-elementi kollha fl-eżekuzzjoni tal-proċedura tar-ritorn, kif meħtieġ. X Il-Greċja għandha tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltajiet li toffri l-leġiżlazzjoni Griega f'konformità mad-Direttiva dwar ir-Ritorn biex il-migranti irregolari jinżammu f'detenzjoni sal-limitu massimu ta' 18-il xahar biex jiġi evitat li tintemm id-detenzjoni qabel it-tneħħija effettiva. X Il-Greċja għandha titħeġġeġ biex tagħmel użu sħiħ u rapidu mill-possibilità li jingħata appoġġ mill-programmi ffinanzjati mill-UE dwar ir-ritorn, b'mod partikolari EURINT, ERIN u Eurlo.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta’ progress
	Il-Greċja għandha bżonn iżżid ir-ritorni furzati u volontarji, kif ukoll tieħu l-passi neċessarji sabiex tiżgura l-assorbiment immedjat tal-finanzjament disponibbli mill-programm nazzjonali AMIF.	✓ Programm ta' emerġenza għal Ritorn Volontarju Assistit (Assisted Voluntary Return, AVR) ġie ffinanzjat mill-AMIF li appoġġa r-ritorn volontarju ta' 1,000 migrant. S’issa aktar minn 1,400 migrant ġew irreġistrati għal tluq volontarju. X Il-proċedura tal-offerti għall-Programm il-ġdid tal-AVR li għandu jiġi ffinanzjat taħt il-programm nazzjonali tal-AMIF tlestiet u l-proċess tal-għoti għandu jiġi ffinalizzat malajr kemm jista' jkun. X Programm ta' emerġenza għal ritorni furzati (li għandu jiġi implimentat mill-Pulizija Ellenika) ġie ffinanzjat mill-AMIF. Madankollu, il-proċedura tal-offerti għall-mezzi ta’ trasport (l-għoti ta' biljetti) għal operazzjonijiet ta’ ritorn furzat fuq titjiriet kummerċjali għadha għaddejja u jeħtieġ li tiġi ffinalizzata b’urġenza.
	L-attivitajiet ta' ritorn tal-awtoritajiet Griegi għandhom jiffukaw aktar fuq in-nazzjonalitajiet l-aktar rilevanti fil-kuntest tal-hotspots (Pakistani, iżda anke Afgani, Iranjani u Bangladeshi), minflok fuq l-enfasi attwali fuq iċ-ċittadini tal-Albanija u tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.	X Ara hawn fuq fir-rigward ta’ pjan operazzjonali. Pjan bħal dan għandu jieħu kont tan-nazzjonalitajiet li attwalment deħlin fil-Greċja bħala parti mill-flussi migratorji irregolari, li ma jaqgħux taħt profil ta' refuġjat.
	L-informazzjoni rigward ir-Ritorn Volontarju Assistit għandha tiġi promossa lill-migranti sa mir-residenza tagħhom fiż-żoni hotspot. Kampanja ta' kuntatt għandha tkun ikkunsidrata f'żoni eqreb tal-fruntiera mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.	✓L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (International Organization for Migration, IOM) fetħet uffiċċji apposta f'Lesvos u tinsab preżenti f'Samos. X Għandhom jitwaqqfu b'urġenza punti ta' wasla ddedikati f'hotspots oħrajn u fil-Greċja Ċentrali għall-migranti li jintbagħtu lura minn Idomeni sabiex jingħataw l-opportunità ta' Ritorn Volontarju Assistit. X L-IOM għandha tkun preżenti fiċ-ċentri kollha ta' detenzjoni fil-Greċja sabiex toffri l-opzjoni ta' Ritorn Volontarju Assistit lill-migranti biex jiġu ritornati.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	Il-Kummissjoni Ewropea, appoġġjata mill-Istati Membri għandha tkompli żżid l-impenn tagħha mal-pajjiżi terzi sabiex tiżgura riammissjoni aktar faċli tal-migranti li ma jkunux intitolati għal protezzjoni internazzjonali. Dan jinkludi wkoll b'mod partikulari aktar sforzi sabiex tiġi żgurata r-riammissjoni taċ-ċittadini ta' pajjiż terz mit-Turkija.	✓ Ir-riżultati tal-iskambji riċenti mal-awtoritajiet Pakistani ġew approvati mill-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni. Bħala prijorità, pass importanti issa huwa li jiġi kkonfermat b'mod konkret dan il-pass pożittiv b'titjiriet ġodda fil-ġimgħat li ġejjin mill-Greċja lejn il-Pakistan. ✓ Fl-1 u t-2 ta' Marzu, 267 migrant irregolari ġew riammessi mit-Turkija. X Madankollu, l-awtoritajiet Griegi jridu jsaħħu l-isforzi tagħhom b'mod partikolari billi jħaffu t-talbiet ta' riammissjoni għat-Turkija u jnaqqsu r-riskju li l-migranti jaħarbu matul il-proċedura. It-Turkija għandha tikkollabora aktar mill-qrib ukoll mal-awtoritajiet Griegi sabiex l-għadd ta' migranti aċċettati għar-riammissjoni u attwalment riammessi jiżdied sostanzjalment (tmien persuni biss ġew riammessi minn 5,148 talba aċċettati mit-Turkija fl-2015). X Il-Frontex, assistita mill-Istati Membri, għandha tagħmel arranġamenti prattiċi rapidi mal-Greċja skont il-pjan operazzjonali l-ġdid biex tappoġġja l-preżentazzjoni f'waqtha ta' talbiet ta' riammissjoni għat-Turkija u t-trasportazzjoni ta' migranti mill-post fejn ikunu arrestati u/jew miżmuma f'detenzjoni għal wieħed mit-tliet postijiet ta' tluq miftehmin fil-Protokoll bejn il-Greċja u t-Turkija. X Il-Greċja għandha tqis li tistieden lit-Turkija biex taħtar uffiċjal ta' kollegament li jintbagħat il-Greċja bil-ħsieb li jiffaċilita t-talbiet ta' riammissjoni. X Il-Greċja għandha tiżgura d-disponibbiltà fiżika sħiħa tal-migranti aċċettati mit-Turkija għal riammissjoni (fejn meħtieġ permezz ta' detenzjoni f'waqtha qabel id-deportazzjoni).

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	Il-Frontex għandha tiżgura li t-titjiriet konġunti ta' ritorn jagħmlu waqfiet regolari fil-Greċja sabiex iwettqu operazzjonijiet ta' ritorn.	✓ Il-Frontex, assistita mill-Istati Membri, qed tikkoordina u tappoġġja l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn kollha b'waqfiet fil-Greċja. ✓ Għas-16 ta' Marzu hija ppjanata operazzjoni konġunta ta' ritorn tal-Frontex għall-Pakistan, b'waqfa fil-Greċja, bħala l-ewwel pass minn sensiela ta' sforzi ġodda biex jiġu intensifikati l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn bl-involviment tal-Greċja. X Jeħtieġ li l-awtoritajiet Griegi jirrapportaw lill-Frontex il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fuq bażi regolari u f'waqtha sabiex l-operazzjonijiet ta' ritorn konġunti jiġu ppjanati u eżegwiti.
	Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni għandhom jittejbu b'urġenza.	✓ L-awtoritajiet Griegi qed jipproċedu b'Kuntratt Qafas għall-provvediment ta' servizzi ta' forniment tal-ikel għaċ-ċentri ta' detenzjoni magħluqin għall-2016-2018. Fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet legali adottati fid-29 ta' Jannar 2016, il-Pulizija Ellenika impenjat ruħha li tipprovdi ikel sakemm jitpoġġa fis-seħħ il-ftehim rilevanti. X Apparti s-servizzi ta' forniment tal-ikel, ċerti faċilitajiet ta' detenzjoni magħluqin, b'mod partikulari fuq il-gżejjer, għandhom jiġu rrinovati fejn meħtieġ u għandhom jinżammu kif xieraq, sabiex jipprovdu akkomodazzjoni xierqa lill-migranti f'konformità mal-istandards tal-UE. Fejn jitqies neċessarju, għandhom jiġu identifikati u żviluppati postijiet ġodda għaċ-ċentri ta' detenzjoni fuq il-gżejjer, b'mod partikolari minħabba r-riammissjoni rapida fit-Turkija.
	Il-Kummissjoni Ewropea, megħjuna mill-Istati Membri, għandha tkompli timpenja ruħha ma' pajjiżi terzi sabiex tassigura riammissjoni aktar faċli ta' migranti li ma għandhomx dritt għall-protezzjoni internazzjonali, anke permezz tal-użu mmirat tat-Trust Fund għall-Afrika.	✓ Il-Kumitati Konġunti dwar ir-Riammissjoni mat-Turkija u l-Pakistan saru fid-19 ta' Jannar u fit-2 ta' Frar 2016 rispettivament. Il-Kummissjoni żaret l-Afganistan u se żżur in-Niġerja biex tiddiskuti r-riammissjoni.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
Titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri	L-awtoritajiet Griegi u l-Frontex għandhom jiddefinixxu b'mod rapidu d-dettalji operattivi tal-iskjerament tal-uffiċjali tal-Frontex mal-fruntiera tat-Tramuntana Griega.	✓ L-operazzjoni tal-Frontex fuq il-fruntiera fit-Tramuntana tal-Greċja għadha għaddejja. Kif ġie maqbul mal-Frontex, il-Greċja ħatret 105 uffiċjal tal-pulizija, inkluż 5 kapijiet ta' timijiet, biex jaħdmu id f'id ma' 25 uffiċjal tal-Frontex. Ir-ristrutturar tal-uffiċċji għall-operazzjonijiet konġunti bejn il-Frontex u l-Pulizija Ellenika, fl-istazzjon ferrovjarju l-antik ħdejn Eidomeni, tlesta. X S'issa l-Frontex kienet kapaċi tiskjera biss 9 minn dawn il-25 uffiċjal minħabba nuqqasijiet fil-garanziji mill-Istati Membri. Estensjoni possibbli tal-mandat tal-Frontex f'dan ir-reġjun tkun teħtieġ ukoll impenn ulterjuri mill-Istati Membri. ✓ Il-Frontex se tappoġġja l-awtoritajiet Griegi sabiex jivverifikaw l-identità taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jekk dawn ġewx irreġistrati fil-bażijiet tad-dejta rilevanti.
	B'segwitu għall-attivazzjoni ta' RABIT, l-Istati Membri għandhom immedjatament jagħmlu disponibbli persunal u tagħmir sabiex jassiguraw li l-bżonnijiet identifikat mill-Greċja u minn Frontex ikunu ssodisfati kompletament.	✓L-Intervent Rapidu Poseidon fil-Gżejjer tal-Eġew tnieda fit-28 ta' Diċembru 2015. Attwalment hemm 775 uffiċjal mistiedna u mibgħuta taħt l-operazzjoni (243 membru tal-ekwipaġġ, 248 stazzjon għat-teħid tal-marki tas-swaba', 53 espert tal-iskrinjar, 30 espert avvanzat tad-dokumenti, 75 interpretu, 16-il espert li jagħti informazzjoni, 8 uffiċjali tal-appoġġ tal-Frontex, 31 kap ta' timijiet, 71 membru tal-persunal ta' koordinazzjoni). X Il-garanziji tal-Istati Membri laħqu 83% tal-kopertura meħtieġa.
Kapaċità ta' akkoljenza	Il-Greċja għandha bżonn li tlesti malajr il-kostruzzjoni tas-7,000 post għall-ħames gżejjer hotspot kollha.	✓ Il-postijiet fil-hotspots għandhom ikunu disponibbli flimkien mat-tlestija tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni.
	Jeħtieġ li l-Greċja ttejjeb l-akkoljenza tal-gruppi vulnerabbli, b'mod partikulari l-vjaġġaturi minorenni mhux akkumpanjati.	✓ L-UNICEF, l-UNHCR u Save the Children bdew proġett pilota f'Kos, f'Lesvos u f'Idomeni biex jipprovdu kura ddedikata lill-minorenni. Dan huwa wkoll maħsub biex jiġi estiż anke għal Samos u għal Leros. ✓ Il-kontrolli mediċi huma previsti fil-hotspots kollha bħala l-aħħar pass fil-proċedura tar-reġistrazzjoni. X Il-Greċja għandha twaqqaf kapaċità adegwata ta' akkomodazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati u għal gruppi vulnerabbli oħrajn wara li jiġu trasferiti mill-gżejjer.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta’ progress
	Jeħtieġ li jinstabu aktar soluzzjoniiet strutturali rigward il-forniment tal-ikel u ħtiġijiet bażiċi oħrajn fil-faċilitajiet ta' akkoljenza.	✓ L-awtoritajiet Griegi qed jipproċedu b'Kuntratt Qafas għall-provvediment ta' servizzi ta' forniment tal-ikel għall-faċilitajiet ta' akkoljenza għall-2016-2018.

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta' progress
	Il-Greċja għandha tkompli żżid il-kapaċità ta' akkoljenza tagħha f'konformità mal-impenji tal-laqgħa tal-Mexxejja tal-Balkani tal-Punent.	✓ L-għadd totali ta' postijiet li bħalissa huma disponibbli fil-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-Greċja huwa 34,419 (minbarra l-iskema ta' kiri tal-UNHCR). Dawn jinkludu: • 17,906 post fil-faċilitajiet ta' akkoljenza miftuħa fil-Greċja kontinentali (Elaionas, Elliniko, Attiko Alsos, Eidomeni, Orestiada, Schisto, Diavata, Nea Kavala, Cherso). Filwaqt li xi faċilitajiet minn dawn huma biss tajbin għal żjara qasira, oħrajn huma tajbin għal żjara itwal; • 1,221 post f'faċilitajiet iddedikati għal applikanti għall-asil u minorenni mhux akkumpanjati fil-Greċja kontinentali u fil-gżejjer; • 5,500 post f'faċilitajiet ta' akkoljenza fil-hotspots (inkluż l-1,100 post fil-faċilità ta' riżerva ta' Kara Tepe f'Lesvos); • 4,433 post ieħor fil-faċilitajiet ta' akkoljenza tal-ewwel linja fil-gżejjer (barra l-hotspots); • 5,359 post f'ċentri ta' qabel id-deportazzjoni. Meta titlesta l-espansjoni ppjanata tal-faċilitajiet ta' Schisto u Diavata, l-għadd totali ta' postijiet fil-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-Greċja se jilħaq it-38,619 (minħabba l-iskema ta' kiri tal-UNHCR). L-UNHCR iffirmat ftehimiet ta' implimentazzjoni mal-NGOs Praksis, Nostos, Iliaktida, Solidarity Now, u Arsis, biex jiġu pprovduti total ta' 16,250 post fl-2016 fil-kuntest tal-iskema ta' kiri tal-UNHCR. Barra minn hekk, għaddejjin negozjati mal-Muniċipalità ta' Ateni, ma' Médecins du Monde u mal-Kunsill Grieg għar-Refuġjati biex jiġi pprovdut 1,880 post ieħor fl-2016, li jżid l-għadd totali ta' postijiet li għandhom jiġu mwaqqfa fl-2016 għal 18,130. Bħalissa huwa disponibbli total ta' 2,788 post mill-NGO Praksis permezz tal-iskema ta' vawċers fil-lukandi u fl-appartamenti. L-UNHCR għandu jkompli jikkonkludi ftehimiet ta' implimentazzjoni biex tintlaħaq il-mira ta' 20,000 post taħt l-iskema tal-kiri malajr kemm jista' jkun. Bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea u l-UNHCR, il-Greċja għandha tkompli tespandi u ttejjeb il-kapaċità ta' akkoljenza tagħha sabiex taqdi lill-migranti u r-refuġjati li jinsabu fit-territorju tagħha. X Bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea u l-UNHCR, il-Greċja għandha tkompli tespandi u ttejjeb il-kapaċità ta' akkoljenza tagħha sabiex taqdi lill-migranti u r-refuġjati li

Rakkomandazzjonijiet Diċembru 2015		Stat ta’ progress
	L-Istati Membri għandhom jirrispondu immedjatament għat-talba għall-assistenza tal-EUCPM.	X Disa' Stati Membri biss offrew assistenza mhux finanzjarja fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (Union Civil Protection Mechanism, UCPM).